MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 55/2003

**Gaetano Mangion**
**vs**

**Twanny Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta’ Jannar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ tmienja u erbghin lira Maltin (Lm48.00) rapprezenntanti prezz ta’ xoghol ta’ tqeghid ta’ ‘shower’, ‘sink’ u ‘toilet’ bil-‘flushing’ u spejjes relattivi fil-fond 209, Triq il-Madonna tal-Hniena, Zejtun matul is-sena 2002.
Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra legali datata 3 ta’ Dicembru 2002 u bl-imghax skond il-ligi.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li l-ammont mitlub huwa eccessiv stante li Lm15.00 biss huma dovuti, liema somma l-konvenut offra li jhallas

diversi drabi, u dan peress illi hafna mix-xoghol imsemmi fit-talba anqas biss sar.
Bl-ispejjes kontra l-attur.

Sema' x-xhieda tal-attur u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda prezz ta'  xoghlijiet konsistenti fi twahhil ta' 'shower', sink u 'toilet'  ,twahhil ta' plakka tad-dawl u spejjes konnessi liema xoghol sar mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut. Fir-risposta tieghu il-konvenut isostni li Lm15 biss huma dovuti lill-attur stante li hafna mix-xoghol ma sarx izda fix-xhieda tieghu tat-23 ta' April 2003 huwa jallega li huwa kien inkariga lill-attur sabiex jaghmel xoghol ta' thaffir ta' trinka u twahhil ta' 'shower plates', li x-xoghol l-iehor l-attur kien tqabbad jaghmlu minn certu Joe Camilleri li huwa s-sid tal-fond u li l-attur kien thallas ghal dawn ix-xoghlijiet. Huwa principju fundamentali fis-sistema guridika taghna li min jallega jrid jipprova u l-konvenut bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova li effettivament l-attur kien gie nkarigat jaghmel ix-xoghol minn dan Joe Camilleri jew li l-attur kien diga' thallas ta' dawn ix-xoghlijiet minn Camilleri. Inoltre t-Tribunal jidhirlu li x-xhieda tal-attur hija ferm aktar kredibbli u konsistenti u li fil-fatt kien hemm ftehim bejn il-partijiet li l-prezz tax-xoghlijiet kien fl-ammont ta' Lm40.00. L-attur kellu jikkompleta xi xooghlijiet zghar wara li jitwahhal il-madum u l-konvenut kellu jikkomunika mieghu wara li jitlesta x-xoghol ta' twahhil tal-madum. Il-konvenut isostni li huwa prova jikkomunika mala-ttur wara li tlesta dan ix-xoghol izda ma rnexxilux u ghalhekk huwa qabbad lil tal-madum iwahhallu l-accessorji. It-Tribunal huwa aktar propens li jemmen li effettivament il-konvenut qabad u nkariga lil tal-madum iwahhal dawn l-accessorji u ghalhekk ma kkomunikax mal-attur. Inoltre t-Tribunal jirritjeni li l-ammont mitlub mill-attur m'huwiex eccessiv meta wiehed jikkunsidra x-xoghol li huwa ghamel.

Illi jidher ghalhekk li t-talbiet attrici huma gustifikati u ghandhom jintlaqghu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta'  ta' tmienja u erbghin lira Maltin (Lm48.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------